**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta' Gunju 2022**

Rikors Numru: 180/22 AL

A B

vs

C D

(MR Numru 1490/2001)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu eċċepixxa:

1. Illi huwa zzewweg lil C D fl-14 ta' Settembru 2001, Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok A, u huma genituri ta' tifel wiehed, E B li twieled fl-24 ta' Marzu 2009.
2. Illi l-partijiet kienu isseparaw legalment permezz tal-kuntratt tas-Separazzjoni taghhom datat 30 ta' Gunju tas-sena elfejn u hmisax (30/6/2015), fl-atti tan-Nutar Dr John Spiteri, kopja hawn annessa u mmarkata Dok B.

3. Illi l-partijiet qatt ma rrikonciljaw u qatt ma regghu marru jghixu flimkien mid-data tas-separazzjoni taghhom.

4. Illi mhemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi mhemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti lil mara ghat-tifel, u mhemm l-ebda arretrati dovuti lil mara ghaliha, stante li kien hemm rinunzja da parte tal-partijiet, ai termini ta' klawsola numru tlieta tal-kuntratt tas-separazzjoni taghhom.

6. Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment u qed jikkonfermahom bil-gurament.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet, li zzewgu fl-14 ta' Settembru 2001 mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat.

Rat ir-rsiposta tal-intimata li permezz tagħha esponiet:

1. Illi huwa minnu li l-partijiet iżżewwġu fl-14 ta' Settembru 2001 u li għandhom tifel wieħed E;

2. Illi huwa minnu wkoll li l-partijiet isseparaw legalment b'kuntratt fl-atti tan-Nutar John Spiteri tat-30 ta' Ġunju 2015;

3. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti u l-partijiet ilhom ma jgħixu flimkien mid-data tas-separazzjoni tagħhom; Ebda arretrati ta' manteniment ma huma dovuti;

4. Illi għalhekk l-esponenti tikkonferma li l-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma ssodisfatti;

5. Għaldaqstant, l-esponenti taqbel mat-talbiet tar-rikorrent u titlob umilment li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' April 2022;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-qorti twiegeb li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Gunju 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.